# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**Aġent President**

**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**

**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis 26 ta' Novembru 2020**

**Numru 1**

**Rikors maħluf numru 1218/2010 MCH**

**Anton u Marianne konjuġi Camilleri**

***v.***

**Saviour u Giovanna Mangion**

1. Dan huwa appell tal-atturi minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-26 ta' Marzu 2015 li ċaħdet talba tagħhom għal kundanna tal-konvenuti għall-ħlas ta' danni wara li laqgħet eċċezzjoni ta' pre-skrizzjoni mressqa mill-konvenuti. Sar ukoll appell inċidentali mill-konvenuti. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. Wara kwerela mill-konvenuti kienu nbdew proċeduri kriminali kontra l-attur li ġie mixli b'tentativ ta' omiċidju. Il-proċeduri nqatgħu b'sentenza fl-ismijiet Repubblika ta' Malta v. Anton Camilleri mogħtija mill-Qorti

Kriminali fit-12 ta' Mejju 2010 li sabet lill-attur mhux ħati. L-atturi igħidu illi l-kwerela tal-konvenuti li wasslet għall-proċeduri kontra l-attur kienet falza, u minħabba f'hekk huma ġarrbu danni, fosthom spejjeż għad-difiża tal-attur u restrizzjonijiet fuq il-libertà tiegħu li wasslu għal telf ta' ħin u telf ta' flus. L-atturi għalhekk b'rikors maħluf tal-24 ta' Novembru 2010 fetħu din il-kawża u talbu illi l-qorti:

»1. tiddikjara l-kwereli u rapporti magħmula mill-konvenuti … lill-pulizija b'konsegwenza ta' liema ttieħdu l-proċeduri kriminali kontra r-rikorrenti … foloz u inveritjeri;

»2. tiddikjara lill-konvenuti responsabbli għad-danni kawżati lir-rikorr-enti b'riżultat tar-rapporti u kwereli foloz u inveritjeri li huma għamlu …;

»3. tillikwida d-danni hekk sofferti mir-rikorrenti …;

»4. tordna lill-konvenuti jħallsu r-rikorrenti l-ammont hekk likwidat bħala danni sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza tar-rapporti/kwereli foloz fuq imsemmija;

»Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tat-2 ta' Awissu 2010 …«

3. Il-konvenuti ressqu l-eċċezzjoni, fost oħrajn:

»illi l-inċident mertu ta' dan il-każ ġara fid-9 ta' Mejju 2004 – għalhekk il-kawża għad-danni hi preskritta bil-preskrizzjoni ta' sentejn u b'kull preskrizzjoni oħra indikata mil-liġi.«

4. Bis-sentenza tas-26 ta' Marzu 2015 li minnha sar dan l-appell l-ewwel qorti laqgħet l-eċċezzjoni għal raġunijiet li fissrithom hekk:

»F'din il-kawża l-atturi qed jitolbu li l-qorti tikkundanna lill-konvenuti jħallsuhom id-danni talli l-konvenuti għamlu rapport jew kwerela tal-pulizija li b'konsegwenza tagħha nbdew proċeduri kriminali kontra l-atturi dwar tentativ ta' qtil u li fit-12 ta' Mejju 2010 l-istess attur ġie liberat mill-akkużi. L-atturi jsostnu illi r-rapport jew kwerela kienet falza u inveritiera u b'konsegwenza l-atturi sofrew danni patrimonjali.

»Mill-atti esebiti tal-proċeduri kriminali irriżulta lill-qorti illi fid-9 ta' Mejju 2004 l-kontendenti Anton Camilleri u Saviour Mangion kellhom xi jgħidu ħdejn id-dar ta' Anton Camilleri dwar konvenju ta' bejgħ li kien hemm bejniethom u xi dokumenti li Mangion kien qed jistenna li Camilleri jikkonsenjalu. Frott ta' dan l-argument, fejn ukoll jidher ċar li Camilleri u Mangion ġew fl-idejn, ġie allegat mill-konjuġi Mangion illi f'xi ħin Camilleri kellu wkoll arma tan-nar li skond mart Mangion ġie sparat tir minnha. Camilleri tressaq il-qorti fl-10 ta' Mejju 2004 u fost affarijiet oħra ġie akkużat b'tentativ ta' qtil wara li l-konjuġi Mangion

kienu marru l-għassa jagħmlu rapport dwar l-inċident dakinhar stess tal-inċident.

»B'sentenza tal-Qorti Kriminali tat-12 ta' Mejju 2010 Anton Camilleri ġie liberat mill-akkuża ta' tentativ ta' qtil għax il-prosekuzzjoni ma ippruvatx li fil-fatt Camilleri kellu arma tan-nar meta nqala' l-inċident bejn Camilleri u Mangion għalkemm irriżulta li Camilleri ikkaġuna feriti ħfief lil Managion fl-inċident minħabba l-argument bl-idejn li nqala' bejniethom. Il-Qorti Kriminali ma imponiet ebda piena fuq Camilleri għal din l-akkuża *stante* li l-partijiet kienu laħqu ftehim bonarju bi skrittura tal-11 ta' Ottubru 2006. Din l-iskrittura kienet tirreferi għal konvenju li dwaru nqala' l-inkwiet fejn il-partijiet ftiehmu li l-konvenju jiġi xolt u jagħtu kwittanza wara li d-depożitu jiġi rifuż lill-konvenuti u jitħallsu xi spejjeż u qablu wkoll li jirtiraw u jittransiġu l-azzjonijiet kriminali bejniethom safejn dawn kienu rinunzjabbli.

»L-atturi intentaw din il-kawża għad-danni fl-24 ta' Novembru 2010 wara li bagħtu ittra uffiċjali lil konvenuti fit-2 ta' Awissu 2010. Id-danni li qed jitolbu l-atturi skond nota ppreżentata minnhom fit-28 ta' April 2011 jikkonsistu fi spejjeż inkorsi fil-proċeduri tal-arrest u dawk ġudizzjarji u restrizzjonijiet fuq il-libertà, telf ta' negozju minħabba l-malafama u pressjoni psikoloġika.

»Il-konvenuti iddefendew ruħhom preliminarjament billi eċċepew il-preskrizzjoni ta' sentejn. Għalkemm il-konvenuti ma jindikawx l-artikolu eżatt però mill-mod kif inhi redatta l-eċċezzjoni għall-kawża hu ċar illi l-konvenuti qed jirreferu għall-artikolu 2153 tal-Kap. 16.

»L-azzjoni attriċi hi bażata fuq danni mhux kaġonati b'reat jew minn xi relazzjoni kontrattwali pre-eżistenti bejn il-partijiet. Japplika għal din l-azzjoni l-artikolu 1031 tal-Kap. 16 li jgħid li kulħadd iwieġeb għal ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu.

»L-artikolu 2153 imbagħad igħid li l-azzjoni għal ħlas tal-ħsarat mhux kaġonati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-għeluq ta' sentejn.

»Kif intqal fil-kawża <u>Mary Xuereb *v.* Nutar Emanuel Agius</u> deċiza fil-31 ta' Ottubru 1959 (Vol. XLIII-II-789):

> »"illi skond il-ġurisprudenza tagħna, l-artikolu invokat u l-preskrizzjoni opposta msemmija fih jirrigwardaw danni derivanti minn ħtija jew *culpa extra*-kontrattwali, jew, kif tissejjaħ komunement, *culpa aquiliana*. Fi kliem ieħor, hija applikabbli għad-danni li jitnisslu minn delitti fis-sens ċivili u kważi-delitti;
>
> »"illi jingħad ukoll li tant id-dottrina kemm il-ġurisprudenza lokali stabbilew li din il-preskrizzjoni tibda tgħaddi u timxi mill-jum li fih ikun ġara l-fatt illeċitu li minnu jidderiva d-dannu u mhux mill-jum meta l-parti leża tiġi taf bih …"

»Billi fil-kaz tal-*culpa aquiliana* l-preskrizzjoni tibda tiddekorri minn meta jiġri l-fatt illeċitu u mhux minn meta l-parti tiġi ssir taf bil-fatt, il-preskrizzjoni fost raġunijiet oħra tinkiser b'att ġudizzjarju ppreżentat f'isem is-sid jew kreditur innotifikat lill-parti l-oħra li kontra tagħha wieħed irid ma jħallix timxi l-preskrizzjoni u li minnu jkun jidher ċar illi s-sid jew il-kredituri bi ħsiebhom iżommu l-jedd tagħhom (artikolu 2128 tal-Kap. 16).

»It-*test* dwar iż-żmien meta jibda jiddekorri l-preskrizzjoni hu wieħed oġġettiv u mhux soġġettiv għall-atturi b'mod li l-prinċipju Ruman *contra*

*non valentem agere non currit præscriptio* jsib applikazzjoni biss fejn il-liġi tippermetti dan minħabba ostakoli materjali bħal vjolenza jew qerq jew żball (ara artikolu 1223 tal-Kap. 16). Infatti l-artikolu 2137 tal-Kap. 16 jipprovdi illi l-preskrizzjoni tibda tiddekorri minn dakinhar li l-azzjoni tista' tiġi ezerċitata mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha tmiss din l-azzjoni.

»Japplika wkoll il-prinċipju li l-preskrizzjoni ma tiddekorrix meta persuna tkun impeduta jew imwaqqfa milli taġixxi fil-każ fejn l-eżerċizzju ta' azzjoni proċesswali jiddependi minn pronunzjament ieħor u allura ma jistax jiddekorri l-perjodu preskrittiv (<u>Xuereb *v.* Zammit</u>, App Kumm 09/03/1994). Din l-aħħar sentenza qalet hekk:

> "... meta tkun sentenza tal-qrati li toħloq id-dritt ta' azzjoni, isegwi illi l-azzjoni ġudizzjarja tista' tinbeda biss wara dik is-sentenza u li, ukoll, minn dik id-data tista' tibda tiddekorri l-preskrizzjoni. Mentri meta sentenza tkun sempliċiment dikjaratorja ta' x'kienet il-posizzjoni ġuridika korretta qabel beda l-proċediment, allura huwa daqstant iehor ċar li tali sentenza m'għandha ebda rilevanza la għal meta l-azzjoni tal-kreditur setgħet tiġi intavolata u, konsegwentement, għad-data li minnha bdiet tiddekorri l-preskrizzjoni."

»Applikati dawn il-prinċipji għal każ in eżami l-qorti fl-ewwel lok teskludi li din l-azzjoni hi għal ħlas ta' ħsarat kaġunati b'reat peress illi ebda reat ma ġie addebitat jew kommess mill-konvenuti iżda biss allegat aġir illeċitu u abużiv li wassal għal telf finanzjarju da parti tal-atturi u kwindi hu applikabbli l-artikolu 2153 tal-Kap. 16 għal din l-azzjoni. Tant hu hekk illi ebda azzjoni ta' natura penali ma ttieħdet kontra l-konvenuti u s-sentenza tal-Qorti Kriminali li illiberat lill-attur ma attribwiet ebda ħtija jew kommissjoni ta' xi reat da parti tal-konvenuti.

»Il-qorti hi perplessa li t-talba attriċi għaż-żamma tad-dritt għad-danni allegatament subiti saret l-ewwel darba formalment bl-ittra uffiċjali tat-2 ta' Awissu 2010 *cioè* wara li nqatgħet il-kawża kriminali. Din il-qorti tqis illi t-talba attriċi mhix imsejsa fuq jekk l-attur kienx ser jinstab ħati jew jiġi meħlus mill-kawża kriminali li saret kontrih. *Del resto* l-kawża kriminali u l-akkużi ma sarux mill-konvenuti iżda mill-Istat Malti fil-konfront tal-attur. Id-dritt tal-atturi insorġa mill-allegat aġir doluż tal-konvenuti fil-konfront tal-attur li fid-9 ta' Mejju 2004 għamlu rapport lill-pulizija li l-attur kien uża arma tan-nar kontrihom. Anki jekk ma kienx konsapevoli tar-rapport meta sar, żgur sar jaf bih meta tressaq il-qorti fid-9 ta' Ġunju 2004.

»L-atturi jallegaw illi r-riperkussjonijiet negattivi patrimonjali u psikoloġiċi insorġew mill-akkuża inveritiera u intiża biex tagħmel ħsara da parti tal-konvenuti bir-rapport li huma għamlu lill-pulizija u li wasslu għall-akkuża kriminali fil-konfront tal-attur. Tali konsegwenzi insorgew direttament u speċifikament minn meta almenu ġie akkużat l-attur bir-reat ta' tentat omiċidju fl-2004. Fil-fatt l-istess attur fin-nota spjegattiva tiegħu jirreferi għar-restrizzjonijiet imposti mill-qorti li effettwawh psikoloġikament u fin-negozju tiegħu. Il-fatt li l-proċeduri ġudizzjarji kriminali tawlu ma jbiddel xejn mill-fatt illi l-attur dejjem sostna l-innoċenza tiegħu u impliċitament li l-konvenuti kienu għamlu rapport ibbażat fuq fatt ineżistenti *cioè* ż-żamma u sparar ta' arma tan-nar, u ikkawżaw danni ċivili lil atturi minħabba l-agir tagħhom.

»Is-sentenza tal-Qorti Kriminali ma ħolqot ebda dritt iżda semmai tat forza probatorja tad-dritt li kellhom l-attur u martu li jikkawtelaw għad-

danni sofferti u li kienu qed isofru naxxenti minn att speċifiku *cioè* rapport lill-pulizija da parti tal-konvenuti.

»Ma jistax jingħad li l-atturi ma setgħux ikunu konsapevoli jew f'posizzjoni li jippreservaw id-dritt għar-resarċiment tad-danni kaġunati bir-rapport allegatament falz qabel is-sentenza tal-Qorti Kriminali għaliex xejn ma kien josta lil atturi li jagħmlu dan b'ittra ġudizzjarja għal dan l-iskop li setgħet tibqa' tiġġedded sat-tmiem tal-kawża kriminali. Dan ma għamluhx iżda ġiethom f'moħħhom biss wara li ntemmet il-kawża kriminali li ma stabbiliet ebda jedd iżda biss semmai tatu aktar forza bħala fatt probatorju għall-azzjoni spettanti lilhom tad-danni naxxenti kif ġà ngħad mill-att allegatament negattiv u dannuż da parti tal-konvenuti bir-rapport li għamlu kontra l-attur fl-2004.

»*Del resto* l-istess attur fl-iskrittura tal-2006 irrinunzja għal kull azzjoni kriminali fil-konfront tal-konvenut safejn kien rinunzjabbli. Għalkemm hu minnu illi ma hemm ebda ftehim dwar rinunzja ta' azzjoni ċivili però l-atturi, konsapevoli ta' dak li seħħ, għażlu li jirregolarizzaw il-posizz-joni tagħhom fuq in-negozju li kellhom mal-konvenuti li minnu nqala' l-inkwiet kollu, irregolarizzaw sa fejn setgħu l-kwistjonijiet ta' natura kriminali bejn il-partijiet però ma ħadu ebda kura li jippreservaw id-drittijiet tagħhom ta' natura ċivili naxxenti mill-aġir tal-konvenuti li allegatament kien dannuż ċivilment fil-konfront tagħhom.

»Billi l-azzjoni attriċi saret madwar sitt snin mindu insorġa d-dritt tagħhom mingħajr ma żammew fermi d-drittijiet tagħhom kif titlob il-liġi, il-qorti tqis illi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni magħmula mill-konvenuti hi applikabbli għal każ.

»Ma jistax jingħad anqas illi l-preskrizzjoni hi sospiża għax id-dannu baqa' jseħħ u jikber tul il-kawża sa ma eventwalment inqatgħet il-kawża kriminali. L-awment fl-allegat dannu ma kienx jikkostitwixxi fatt oġġettivament ġdid li ta lok għad-dannu pretiż iżda kien biss fattur li jistabilixxi l-*quantum* effettiv tad-dannu subit sal-mument tas-sentenza tal-Qorti Kriminali li kif ingħad seta' ġie salvagwardat b'sempliċi ittra uffiċjali jew protest biex it-terminu ta' preskrizzjoni ma jkomplix jiddekorri minn meta beda jseħħ id-dannu b'mod oġġettiv u determinat *cioè* mid-data tal-akkużi kriminali kontra l-attur.

»Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tqis illi l-eċċezzjoni tal-konvenuti li l-azzjoni attriċi hi preskritta u dan fil-fehma tal-qorti a bażi tal-artikolu 2153 tal-Kap. 16 hi ben fondata u kwindi qed tiċħad it-talbiet attriċi , bl-ispejjeż kontra tagħhom.«

5. L-atturi appellaw b'rikors tat-8 ta' April 2015 li għalih il-konvenuti wieġbu, b'appell inċidentali, fis-27 ta' April 2015. L-atturi wieġbu għall-appell inċidentali fil-11 ta' Mejju 2015.

6. L-ewwel aggravju tal-appell tal-atturi hu msejjes fuq l-argument illi l-ewwel qorti "applikat il-preskrizzjoni żbaljata għall-azzjoni". Ifissru dan l-aggravju hekk:

»… … … bid-deċiżjoni tagħha fuq imsemmija l-ewwel onorabbli qorti laqgħet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut u għalhekk ċaħdet it-talbiet tal-atturi; … dik id-deċiżjoni kienet żbaljata u erronea fil-liġi … billi applikat il-preskrizzjoni żbaljata għall-azzjoni tal-attur mentri fil-fattispeċie tal-każ dik il-preskrizzjoni ma kinitx applikabbili … … …

»Illi l-ewwel onorabbli qorti ddeċidiet li tilqa' l-preskrizzjoni fuq il-preżenti raġunament:

> »"Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami l-qorti fl-ewwel lok teskludi li din l-azzjoni hi għal ħlas ta' ħsarat kaġunati b'reat peress illi ebda reat ma ġie addebit jew kommess mill-konvenuti iżda biss allegat aġir illeċitu u abużiv li wassal għal telf finanzjarju da parti tal-atturi u kwindi hu applikabbli l-artikolu 2153 tal-Kap. 16 għal din l-azzjoni. Tant hu hekk illi ebda azzjoni ta' natura penali ma ttieħdet kontra l-konvenuti u s-sentenza tal-Qorti Kriminali li illiberat lii attur ma attribwiet ebda ħtija jew kommissjoni ta' xi reat da parti tal-konvenuti."

»Bl-akbar rispett dan ir-raġunament huwa żbaljat. Il-preskrizzjoni fuq il-bażi tal-artikolu 2153 tal-Kap. 16 mhix applikabbili għal din l-azzjoni. L-artikolu in kwistjoni jitkellem dwar preskrizzjoni tal-azzjoni għad-danni skaturanti minn komportament li ma jkunx reat. Il-preskrizzjoni f'dak il-każ hija ta' sentejn. Issa l-qorti ikkonkludiet li dina kienet il-preskrizzjoni applikabbili billi rritjeniet li din ma kinitx azzjoni għall-ħlas ta' ħsarat kaġunati b'reat peress li l-ebda reat ma ġie addebitat jew kommess mill-konvenuti iżda biss aġir illeċitu jew abbużiv. Bl-akbar rispett lejn l-ewwel onorabbli qorti l-azzjoni tal-atturi hija azzjoni għad-danni skaturanti minn rapport falz magħmul lill-pulizija mill-konvenut. Huwa preċiżament il-fatt tar-rapport falz tal-konvenut f'liema xela lill-attur b'attentat [*recte*, tentativ] ta' omiċidiju li pprovoka l-proċeduri penali kontra l-istess atturi u għalhekk il-konsegwenti dannu. Issa fil-Kodiċi Kriminali r-rapport falz huwa klassifkat bħala reat ta' ċerta gravità u li jimporta miegħu pieni karċerarji. Il-fatt li l-pulizija ma ħadet l-ebda azzjoni kriminali fuq dan ir-rapport falz huwa totalment … irrilevanti għal din il-vertenza, għaliex dak li kellu jiġi determinat għall-fini tal-preskrizzjoni mhux ir-rejità *o meno* tal-konvenut, u lanqas jekk l-awtorità kompetenti ipproċedietx kriminalment fuq dak ir-rapport falz imma n-natura tal-azzjoni tal-attur. Issa jidher ċar anke mill-kliem tar-rikors ġuramentat innifsu li l-azzjoni tal-atturi hija impernjata fuq ir-rapport falz magħmul mill-konvenut lill-awtorità kompetenti, u għalhekk issib il-bażi tagħha mhux biss fuq allegat aġir illeċitu jew abbużiv imma fuq aġir li jammonta għal reat. Għalhekk jidher ċar li l-preskrizzjoni fuq liema l-ewwel onorabbli qorti sabet l-azzjoni preskritta ma kinitx applikabbili għall-każ billi l-artikolu 2153 jitkellem dwar azzjoni għad-danni mhux naxxenti minn reat. Għall-azzjoni għad-danni naxxenti minn reat din il-preskrizzjoni ma hix applikabbili u kellha għalhekk tiġi eskluża. Ir-reat ta' rapport falz, kif huwa ben not, huwa reat fil-Kodiċi Kriminali u għalhekk ma setgħetx tikkonkludi l-ewwel onorabbli qorti li l-azzjoni għad-danni tal-atturi ma kinitx in realtà msejsa fuq allegazzjoni ta' reat, għaliex dik kienet preċiżament il-bażi tal-azzjoni tal-atturi. Anke l-ewwel qorti, bir-rispett, kellha tintebaħ li ma kinitx korretta fil-konklużjonijiet tagħha billi ftit iżjed 'l isfel titkellem dwar l-aġir doluż tal-konvenut – jekk l-azzjoni tal-attur hija msejsa fuq aġir doluż tal-konvenut allura jsegwi li l-azzjoni hija bażata fuq il-kommissjoni ta' reat u mhux altrimenti.«

7. L-atturi qegħdin igħidu sew. L-għemil tal-konvenuti li l-atturi jgħidu li għamlilhom ħsara huwa l-fatt li l-konvenuti għamlu kwerela msejsa fuq xiljiet li l-atturi jgħidu li ma għandhomx mis-sewwa u li wasslet biex ittieħdu passi kontrihom. Jekk inhu hekk dak li għamlu l-konvenuti kien reat ta' kalunnja taħt l-art. 101 tal-Kodiċi Kriminali. Il-fatt li ma tteħdux passi mill-awtoritajiet kontra l-konvenuti – u wkoll li kieku ttieħdu passi iżda l-konvenuti ġew liberati mill-akkuża ta' kalunnja minn qorti ta' kompetenza kriminali – ma għandux relevanza għall-għanijiet tal-azzjoni ċivili għax l-azzjoni ċivili u dik kriminali huma, kif igħid l-art. 6 tal-Kodiċi Kriminali, indipendenti minn xulxin. Li hu relevanti hu jekk il-fatt allegat jikkostitwixxix fl-astratt l-elementi ta' reat. Jekk il-fatt allegat jikkostitwixxi l-elementi ta' reat – bla ħsara, naturalment, għall-kwistjoni jekk il-fatt seħħx jew le – dan ifisser illi l-azzjoni għad-danni ġejjin minn dak il-fatt tkun azzjoni għall-ħlas ta' ħsarat ikkaġunati b'reat, u għalhekk tintlaqat bil-preskrizzjoni mhux taħt l-art. 2153 kif qalet l-ewwel qorti, iżda taħt l-art. 2154.

8. L-argument tal-konvenuti fit-tweġiba tagħhom – li d-deċiżjoni tal-ewwel qorti kienet dwar "punt ta' fatt" u għalhekk dik id-deċiżjoni ma għandhiex tiġi disturbata minn din il-qorti – hija ħażina, kemm għax appell jista' jsir kemm fuq punt ta' fatt daqskemm fuq punt ta' dritt, u wkoll għax id-deċiżjoni dwar jekk tapplikax preskrizzjoni jew oħra hija deċiżjoni fuq punt ta' dritt mhux fuq punt ta' fatt.

9. Dan l-aggravju għalhekk għandu jintlaqa', u d-deċiżjoni tal-ewwel qorti fejn laqgħet l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni taħt l-art. 2153 tal-Kodiċi

Ċivili għandha titħassar. Ma jibqax meħtieġ li nqisu wkoll l-aggravju l-ieħor tal-atturi dwar minn meta kellha tibda għaddejja l-preskrizzjoni taħt l-art. 2153, ladarba dik il-preskrizzjoni ma tgħoddx għall-każ u għalhekk qatt ma bdiet tgħaddi.

10. Il-konvenuti ressqu appell inċidentali li bih talbu li jintlaqgħu l-eċċezzjonijiet tagħhom fil-meritu.

11. L-ewwel qorti fis-sentenza appellata ma qisitx il-meritu tat-talba tal-atturi u għalhekk ma qisitx l-eċċezzjonijiet fil-meritu; fid-dawl tas-sentenza tal-ewwel qorti li laqgħet eċċezzjoni ta' preskrizzjoni dan ma baqax meħtieġ. Ifisser iżda illi din il-qorti ma tistax tagħmel eżami u valutazzjoni tal-konsiderazzjonijiet tal-ewwel qorti fuq il-meritu, ladarba dawk il-konsiderazzjonijiet ma sarux. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk l-appell inċidentali huwa f'kull każ prematur u l-qorti ma hijiex sejra tqisu.

12. Waqt is-smigħ tal-appell, fis-seduta tat-8 ta' Ottubru 2020, il-konvenuti ressqu eċċezzjoni ulterjuri ta' preskrizzjoni taħt l-art. 2154 tal-Kodiċi Ċivili. Ladarba issa din il-qorti sabet, għar-raġunijiet mogħtija fuq, illi hija din il-preskrizzjoni li tolqot il-każ, sejra issa tgħaddi biex tqis din l-eċċezzjoni ulterjuri.

13. L-art. 2154(1) igħid hekk:

> »**2154.** (1) Dwar il-preskrizzjoni tal-azzjoni ċivili għall-ħlas tal-ħsarat ikkaġunati b'reat, għandhom jitħarsu r-regoli li hemm fil-Kodiċi Kriminali, għall-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali.«

14. Ir-reat ta' kalunnja jintlaqat bl-art. 101 tal-Kodiċi Kriminali, li jgħid hekk:

> »**101.** (1) Kull min bil-ħsieb li jagħmel ħsara lil xi persuna, jakkuża lil dik il-persuna quddiem awtorità kompetenti b'reat, filwaqt li jkun jaf li dik il-persuna hija innoċenti, għall-fatt biss li jkun akkużaha, jeħel, meta jinsab ħati -
>
> »(*a*) il-piena ta' priġunerija minn tlettax sa tmintax-il xahar, jekk l-akkuża falza tkun ta' delitt suġġett għall-piena akbar mill-piena ta' priġunerija għal żmien sentejn;«

15. Ix-xilja kienet ta' tentativ ta' omiċidju, reat li jġib miegħu piena ta' aktar minn sentejn, u għalhekk ir-reat ta' kalunnja fiċ-ċirkostanzi tal-każ tallum iġib miegħu piena ta' priġunerija minn tlettax sa tmintax-il xahar. Il-preskrizzjoni relativa hija dik taħt l-art. 688(*d*) tal-Kodiċi Kriminali:

> »**688.** Bla ħsara ta' fejn il-liġi tiddisponi xort'oħra, l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni –
>
> »… … …
>
> »(*d*) bl-egħluq ta' ħames snin għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn erba' snin u mhux anqas minn sena;«

16. Il-preskrizzjoni mela hija ta' ħames snin. Din il-qorti taqbel mal-ewwel qorti illi d-dritt għad-danni li l-atturi qegħdin jivvantaw f'din l-kawża ma nħoloqx bis-sentenza tal-Qorti Kriminali tat-12 ta' Mejju 2010; id-dritt inħoloq hekk kif saret il-kwerela fid-9 ta' Mejju 2004 li wasslet biex ittieħdu l-proċeduri kontra l-attur u r-restrizzjonijiet fuq il-libertà tiegħu li ikkaġunawlu danni, bla ħsara, naturalment, għall-kwistjoni fil-meritu dwar jekk id-danni seħħewx tassew.

17. Kif sewwa qalet l-ewwel qorti, il-preskrizzjoni tibda tgħaddi minn dakinar li seħħ l-att illeċitu. L-att illeċitu li għamlu l-konvenuti kien il-kwerela li għamlu fid-9 ta' Mejju 2004.

18. L-ewwel att li bih inkisret il-preskrizzjoni kien l-ittra ġudizzjarja tat-2 ta' Awissu 2010, aktar minn ħames snin wara d-9 ta' Mejju 2004. Għalhekk, ukoll meta tqis li l-preskrizzjoni kienet ta' ħames snin u mhux ta' sentejn kif qalet l-ewwel qorti, xorta għadda ż-żmien tal-preskrizzjoni bejn meta seħħ l-att illeċitu mill-konvenuti u meta sar l-ewwel att ġudizzjarju mill-atturi. L-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni ta' ħames snin għalhekk għandha tintlaqa'.

19. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tipprovdi dwar l-appell ewlieni tal-atturi billi tirriforma s-sentenza appellata: tħassarha fejn laqgħet l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni taħt l-art. 2153 tal-Kodiċi Ċivili u, minflok, tiċħad dik l-eċċezzjoni, iżda tilqa' l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni taħt l-art. 2154(1) u għalhekk tikkonferma s-sentenza appellata fejn ċaħdet it-talbiet tal-atturi. Billi, f'kull każ, it-talbiet tal-atturi huma miċħuda ma jibqax meħtieġ li l-qorti tqis l-appell inċidentali tal-konvenuti.

20. Peress li l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni li ntlaqgħet tressqet waqt is-smigħ tal-appell, huwa xieraq li l-konvenuti jbatu sehem mill-ispejjeż. Għalhekk l-ispejjeż, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell ewlieni, jinqasmu hekk: tliet ishma minn erbgħa (¾) jħallsuhom l-atturi u sehem minn erbgħa (¼) l-konvenuti. L-ispejjeż tal-appell inċidentali, billi dak l-appell f'kull każ sar għalxejn, iħallsuhom il-konvenuti.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>Aġent President | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr